MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 146/2011/1

**Paul Borg**

**v.**

**Anabel Borg u b'digriet tal-15 ta' Frar 2012 l-istess Anabel Borg giet nominata kuratrici ad litem sabiex tirraprezenta l-interess tal-minuri Jean Paul Borg u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attur li permezz tieghu ppremetta:

> "1. Illi r-rikorrent ressaq din il-kawza ghaliex hu m'huwiex il-missier bijologiku tal-minuri Jean Paul Borg hekk kif imnizzel fl-Att tat-Twelid relattiv u dan hu skoprih ricentement;
>
> "2. Illi ghalhekk l-Att tat-Twelid ghandu jigi iddikjarat li l-minuri Jean Paul bhala 'Unknown Father';
>
> "3. Illi ghalhekk ir-rikorrent qed iressaq din il-kawza halli din il-Qorti, anke permezz tal- hatra ta' Perit nominat mill-Qorti, tiddikjara hu m'huwix il-missier tal-minuri Jean Paul u halli tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku halli jaghmel l-emendi opportuni fl-att tat-twelid relattiv;
>
> "Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, joghgobha;
>
>> "1. Tiddikjara illi l-attur m'huwix il-missier bijologiku tal-minuri Jean Paul u dana anke permezz tal-hatra ta' perit nominand.
>>
>> "2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-Numru 3732 tas-sena 1998 hawn anness u dana billi fil-hames kolonna tal-istess Att jitnehha dak kollu hemm imnizzel u jidhol il-kliem 'UNKNOWN FATHER';
>>
>> "3. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog att tat- twelid iehor hekk kif korrett.
>
> "Bl-ispejjez u l-intimati jew min minnhom minn issa ingunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku fejn issottometta:

"Illi preliminarjament trattasi minn kawia ta' denegata paternita r-rikorrenti jehtieglu jipprova u jissodisfa talanqas wanda rnic-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Illi salv il-premess, mill-bqija ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawia l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din 1-Onorabbli Qorti;

"Illi madankollu attiz in-natura partikolari ta' din l-azzjoni odjerna l-esponenti jhoss opportun li huwa fl-ahjar interess ta' Jean Paul Borg, li din l-Onorabbli Qorti tuza' s-setgha taghha moghtija lilha bl-Artikolu 70 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, billi tistieden lill-partijiet involuti f'dawn il-proceduri sabiex joqoghdu ghall-ezarnijiet u 1-analizi rnehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x'taqsam rnal-kaz;

"Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem Paul Borg, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 3732 tas-sena 1998;

"Illi finalment dejjem rninghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;"

Rat illi l-konvenuta ddikjarat li ma kinitx qed topponi ghat-talbiet tar-rikorrenti fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2013 u ma pprezentatx risposta formali;

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fil-15 ta' Lulju 2014;

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Mir-rikors guramentat tal-attur jirrizulta li kien biss recentement li huwa skopra li l-minuri Jean Paul ma kienx ibnu. Il-konvenuta ma kkontestatax id-dikjarazzjoni tal-attur.

"Christopher Farrugia, Konsulent tax-Xjenza Forensika, xehed permezz ta' affidavit[1] illi huwa "…esponent ippreleva kampjuni orali minn fuq Paul Borg K.I. 77766M, imwieled fit-2 Frar 1966, minn fuq l-omm Annabelle Borg, K.I. 343568M imwielda fl-20 ta' Gunju 1968 u minn fuq il-minuri Jean Paul Borg, imwieled fl-10 ta' Ottubru 1998 nhar it-12 ta' Ottubru 2013 fil-prezenza ta' xulxin. Il-kunsens ghat-tehid tal-kampjun ta' Jean Paul Borg inghata minn ommhu Annabelle Borg. Dawn il-kampjuni orali gew issigillati fenveloppi ufficjali u ffirmati mill-esponent u moghdija lil Dr. Marisa Cassar ghall-analizi u t-tqabbil ta' profili genetici." Minn 'DNA Paternity Test Report' ipprezentat u mahluf minn Dr Marisa Cassar jirrizulta xjentifikament illi l-minuri Jean Paul ma hux il-wild bijologiku tal-attur Paul Borg.

"Ikkonsidrat;

**"Ligi**.

**"Artikolu 73 tal-Kodici Civili** jipprovdi illi meta ragel mizzewweg irid jichad wild imwieled minn martu, dan ghandu jipprocedi b'kawza kontra martu u kontra l-istess wild.

"Ma tresqet l-ebda prova illi eventwali akkoljiment tat-talbiet attrici ikun lesiv ghad-drittijiet tal-minuri.

"Il-Qorti tirrileva wkoll illi peress li meta l-attur istitwixxa l-kawza kienu gia' ghaddew aktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri, u hadd mill-partijiet ma talab li l-kunjom ghandu jinbidel, il-Qorti tiddikjara illi l-minuri ghandu jibqa' jzomm il-

[1] Fol. 47

kunjom prezenti anke ghaliex il-minuri llum ghandu hmistax-il sena u hekk ilu maghruf ghal daqstant snin.

**“Decide.**

“Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur bil-mod kif fuq spjegat, tilqa’ t-talbiet attrici:-

“1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li l-attur Paul Borg ma hux il-missier bijologiku tal-minuri Jean Paul.

“2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkancella mill-Att tat-Twelid tal-minuri Jean Paul Borg bin-numru 3732 tas-sena 1998 l-isem u l-konnotati kollha tal-attur Paul Borg u minflok jitnizzlu l-kliem “unknown father”. Mill-istess att ghandhom jigu kancellati l-kliem “the said” li jinstabu fil-konnotati tal-omm.

“3. Tilqa’ t-tielet talba.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuta Anabel Borg.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar, tbiddel, tvarja u tirriforma s-sentenza msemmija u minflok tordna li l-kunjom tal-minuri ghandu jkun registrat bhal Borg Spiteri u tikkonfermaha mill-bqija bl-ispejjez kontra l-konvenut appellat;

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha talab il-konferma tas-sentenza appellata;

Rat ir-risposta tal-attur appellat li permezz taghha ddikjara li ma jsib ebda oggezzjoni ghat-talba tal-appellanti purche` huwa ma jbati ebda spejjez;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Frar 2015 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-avukati tal-partijiet trattaw l-appell billi fost affarijiet ohra id-Direttur tar-Registru Pubbliku ddikjara li ma jsibx oggezzjoni li ssir annotazzjoni fic-certifikat relattiv fis-sens li l-minuri “*jkun maghruf bhala Borg Spiteri”;*

Ikkunsidrat:

**Aggravju tal-Konvenuta**

Illi kif jidher l-aggravju tal-appellanti huwa wiehed u cioe` li b’effett tas-sentenza appellata, binha l-minuri (li ghandu hmistax-il sena) illi issa se jkun registrat bhala iben missier mhux maghruf, se jibqa jgorr kunjomha biss nonostante l-fatt li ghalkemm illum ’il gurnata huwa ghandu biss kuntatt ma’ ommu l-appellanti, huwa dejjem kellu l-kunjom Borg. Dan allura se jkun ta’

tfixkil emottiv ghall-minuri u l-Qorti tifhem din il-problema. Madankollu naturalment il-Qorti tista' biss taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti li jkunu in sintonija mal-ligi.

Il-posizzjoni fattwali u legali tal-kaz in ezami, hija riassunta b'mod ezemplari u preciz fir-risposta tad-Direttur appellat; ghalhekk il-Qorti se tirriproduciha '*verbatim*'. Dan qal hekk:

> "Illi fil-5 ta' Mejju 2011, Paul Borg istitwixxa proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) sabiex jigi ddikjarat illi l-istess m'huwiex il-missier bijologiku tal-minuri Jean Paul Borg u wkoll tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega.
>
> "Illi fit-23 ta' Marzu 2012, l-esponentipprezenta risposta fejn fuq bazi preliminari gie eccepit illi stante l-fatt li kawza titratta denegata paternita, Paul Borg kien jehtieglu jipprova u jissodisfa minn tal-anqas wahda mic-cirkostanzi msemmija fl-Artikolu 70(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-esponent kien irrimetta ruhu ghar-rizultanzi processwali u ghal dak li jikkoncerna l-mertu stante l-fatt li l-esponent mhux edott mill-fatti.
>
> "Illi fis-seduta mizmuma fl-20 ta' Gunju 2013, Anabel Borg qua appellanta ddikjarat 'li qed taghti ruhha b'notifikata bir-rikors promotur u tiddikjara li mhux ha tipprezenta risposta formali u li ma topponix it-talbiet attrici'.
>
> "**Sentenza**
>
> "Illi b'sentenza moghtija fl-4 ta' Awwissu 2014 il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) laqghet it-talbiet attur u rrilevat *'illi peress li meta l-attur istitwixxa l-kawza kienu gia` ghaddew aktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri, u hadd mill-partijiet ma talab li l-kunjom ghandu jinbidel, il-Qorti tiddikjara illi l-minuri ghandu jibqa*

*jzomm il-kunjom prezenti anke ghaliex il-minuri llum ghandu hmistax-il sena u hekk ilu maghruf ghal daqstant snin'.*

"**Ezami tal-Aggravju**

"<u>L-aggravju tal-appellanta jirrigwarda l-kunjom li l-minuri ghandu jkun jaf maghruf bih</u>

"Illi l-Qorti kienet korretta meta ddikjarat li l-minuri ghandu jzomm il-kunjom Borg u dan in vista tat-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodici Civili li jaqra hekk:

> ""meta kawza sabiex jigi michud tifel issir mir-ragel wara li jkunu ghaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (a), (b) jew (c) skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu, kull sentenza li biha t-tifel jigi michud **<u>ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjom tat-tifel</u>** jew ta' xi persuna ohra li tkun hadet kunjomha minghand it-tifel **<u>sakemm il-Qorti, fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet</u>** maghmula jew fir-rikors guramentat li bih tkun inbdiet il-kawza jew b'rikors separat maghmul matul il-kawza, **<u>ma tipprovdix xort'ohra</u>**." (enfazi mizjud)

"Fil-kaz in ezami, il-missier kien istitwixxi l-proceduri ferm wara s-sitt xhur u ghalhekk dan il-proviso japplika perfettament ghas-sitwazzjoni in ezami. Il-Qorti kienet korretta meta qalet illi hadd mill-partijiet ma talab li l-kunjom ta' Jean Paul ghandu jinbidel u ghalhekk il-Qorti applikat il-proviso b'mod korrett. Ghaldaqstant in vista ta' dan, il-Qorti ma kelliex triq ohra ghajr thalli l-kunjom tat-tifel 'Borg'."

L-istess Direttur pero` kkonceda illi r-rikors tal-appell jista' jigi kkunsidrat bhala 'rikors separat' *ai termini* tal-Artikolu 73 gia` msemmi. Ghalhekk huwa stess ma kien qed isib ebda oggezzjoni salv li ma kellux ibati spejjez. L-appellat Borg kif inghad mill-bidu ddikjara li ma kienx qed isib oggezzjoni bl-istess mod. Ma hemmx dubju l-Artikolu 73 kemm jista' jkun jipprova jzomm l-istess

kunjom ghal minuri li ghalkemm ikun personalment estranju ghal proceduri jkun jista’ jsib ruhu b’kunjom iehor f’daqqa wahda, u allura jista’ johloqlu problemi zejda f’hajtu.

Infatti ghalkemm forsi ftit jahsbu f’dan, kif iccarat tajjeb sentenza moghtija fis-16 ta’ Dicembru 2003 tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Damian Damian-Schembri v. Direttur tar-Registru Pubbliku,** l-att tat-twelid ma jipprovdi **imkien** kolonna fejn jitnizzel kunjom it-tarbija ghas-semplici raguni illi t-tarbija tiehu kunjom missierha jew ommha skont il-kaz. Ghalhekk bhala regola generali, persuna ma tistax taghmel it-talba li semplicement ibiddel kunjomu jew kunjomha, ghaliex effettivament ikun qed ibiddel *kunjom missieru*. Kif osservat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza msemmija, l-Artikolu 253 (2) jirreferi ghal **isem** (u mhux kunjomu) l-attur u mhux kunjomu ghas-semplici raguni li *‘c-certifikat tat-twelid ta’ persuna ma jaghtix il-kunjom ta’ dik il-persuna, izda ghal dak li huwa kunjom, jaghti l-kunjom ta’ missier u ta’ omm dik il-persuna. Huwa biss l-isem (Christian name) li jigi moghti specifikatament lill-persuna li ghaliha jirreferi c-certifikat li jkun,.... U huwa proprju ghax ic-certifikat tat-twelid ma jattribwix ‘kunjom’ lit-tifel – it-tifel semplicement jassumi l-kunjom ta’ missieru (li mieghu illum jista’ jzid kunjom ommu) li r-riferenza ghal isem fis-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 253 hija necessarjament referenza ghal prenom u mhux ghal kunjom jew ‘family name’.* Ghalhekk kien hemm bzonn tal-Artikolu 73 ghal kazijiet bhal dak odjern.

Din il-Qorti taqbel mal-pozizzjoni li ha d-Direttur appellat. Ma hemmx dubju li t-talba qed issir fl-ahjar interess tal-minuri u l-akkoljiment taghha kif indikat fil-verbal tat-3 ta' Frar 2015 ma tista' taghmel hsara jew tkun ta' pregudizzju ghal hadd. Ta' min forsi jzid li anke qabel ma saru l-emendi illi ppermettew l-uzu ta' kunjom l-omm ma' dak tal-missier, kien hemm kazi fejn il-Qorti (fuq talba tal-attur jew attrici) awtorizzat annotazzjoni fil-margini tal-att tat-twelid; (vide s-sentenza **John Zammit sive Zammit Pace v. Direttur tar-Registru Pubbliku,** Qorti tal-Appell deciza fit-2 ta' Marzu 1994). Naturalment il-Qorti taqbel ukoll li ladarba l-appellanti qed taghmel din it-talba issa, u ma ghamlitiex fl-ewwel istanza, hija ghandha tbati l-ispejjez tal-appell ukoll.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu limitatament u tordna li l-appellat Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu wkoll inizzel annotazzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri msemmi fl-atti tal-kawza li l-istess minuri ghandu jkun maghruf bil-kunjom 'Borg Spiteri'; mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata;

L-ispejjez tal-appell ukoll a karigu tal-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------